32005R1567

28.9.2005 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 252/1

# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1567/2005

## ta' l-20 ta' Settembru 2005

## li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u l-indikazzjonijiet li jirreferu għalihom fil-prodotti agrikoli u fl-oġġetti ta' l-ikel

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 11(6) punt (a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 [1] l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni sal-31 ta' Diċembru 2005 għat-tqegħid fuq is-suq ta' prodotti importati min pajjiż terz li mhumiex inklużi fil-lista msemmija fil-paragrafu (1)(a) ta' dak l-Artikolu.

(2) Fil-Komunikazzjoni tagħha lill-Parlament Ewropew u l-Kunsill ta' l-10 ta' Ġunju 2004 dwar il-Pjan ta' Azzjoni Ewropew għall-Ikel u l-Biedja Organika, il-Kummissjoni ħabbret li sejra tipproponi emenda għar-Regolament (KEE) Nru 2092/91 li minflok id-derogi attwali li jikkonċernaw l-importazzjonijiet tistabbilixxi sistema permanenti ġdida li tagħmel użu minn evalwazzjonijiet ta' ekwivalenza teknika minn korpi inkarigati mill-Komunità għal dak il-għan.

(3) L-iżvilupp u l-istabbiliment ta' din is-sistema permanenti ġdida ser jieħdu ċertu żmien.

(4) Sa ma dan jitwettaq, il-kummerċ tal-prodotti organiċi m'għandux jiġi mfixkel bla ħtieġa, u għalhekk il-miżuri transitorji eżistenti għandhom jiġġeddu għal sena oħra.

(5) Ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 għandu għalhekk jiġi emendat f'dan is-sens.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 11(6)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2092/91, id-data "il-31 ta' Diċembru 2005" tiġi mibdula bid-data "il-31 ta' Diċembru 2006".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, nhar il-20 ta' Settembru 2005

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. BECKETT

(1) ĠU L 198, 22.7.1991, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1336/2005 (ĠU L 211, 13.08.2005, p. 11).